31979R1119

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1119/79

tas-6 ta' Ġunju 1979

li jistabilixxi dispożizzjonijiet speċjali għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni għaż-żrieragħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 tas-26 t'Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq taż-żrieragħ [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 234/79 [2], u partikolarment l-Artikolu 4(2) li hemm fih,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 193/75 tas-17 ta' Jannar 1975 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1118/79 [4], li kien fih disposizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati ta' iffissar avanzat għall-prodotti agrikoli;

Billi l-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' importazzjoni provdut għaliha fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 tirrikjedi disposizzjonijiet speċjali, biċċa minnhom supplimentari għal u oħrajn permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 193/75; billi, partikolarment, it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jipprovdi li ebda assigurazzjoni ma hi meħtieġa fejn il-prodotti soġġetti għal dik is-sistema huma mpurtati b' kuntratti debitament reġistrati għal multiplikazzjoni f'pajjiżi barra l-Komunitaà billi r-regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2514/78 tas-26 t'Ottubru 19784 [5] jipprovdi, għall-qamħirrun ibridu intenzjonat għaż-żriegħ, għal sistema ta' reġistrazzjoni ta' kuntratti għall-multiplikazzjoni f'pajjiżi barra l-Komunità;

Billi hemm bżonn li jkun introdott iċċekkjar ħalli jassigura li l-kwantitajiet li se jkunu mpurtati permezz ta' kuntratt ta' multiplikazzjoni il-kwantitajiet previdibbli intenzjonati għal importazzjoni iddikkjarati għar-reġistrazzjoni ta' dak il-kuntratt;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żrieragħ ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabilixxi dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni, għal qamħirrun ibridu għaż-żriegħ, tas-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni provdut għalihom fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71.

Artikolu 2

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KEE) Nru 193/75, ebda liċenza ma tkun meħtieġa għat-twettiq ta' operazzjonijiet marbutin ma' kwantità li ma taqbiżx il-100 kilogramm.

Artikolu 3

Il-liċenzja ta' importazzjoni tkun valida mid-data tal-ħruġ kif imfissra fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 193/75 sat-tmiem tat-tielet xahar wara dak tal-ħruġ.

Madankollu, liċenzi li se jintużaw biex issir importazzjoni b'kuntratti ta' multiplikazzjoni reġistrati skond r-Regolament (KEE) Nru 2514/78 jkunu validi mid-data tal-ħruġ sa l-aħħar tas-sitt xahar wara dak tal-ħruġ, dan il-perijodu ma jistax ikun estiż 'il hemm mit-tmiem tas-sena tal-*marketing*.

Artikolu 4

Il-pajjiż ta' oriġini jkun indikat fis-Sezzjoni 14 ta' l-applikazzjoni u tal-liċenza ta' importazzjoni. Il-liċenza ġġorr magħha l-obbligu l-importazzjoni ssir mill-pajjiż hekk indikat.

Artikolu 5

1. L-ammont ta' l-assigurazzjoni jkun 3 76 EKU kull 100 kilogramm.

2. L-assigurazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 ma tkunx meħtieġa fejn il-liċenzi se jintużaw biex issir importazzjoni b' kuntratti ta' multiplikazzjoni reġistrati skond r-Regolament (KEE) Nru 2514/78.

Artikolu 6

1. F'kuntratt ta' multiplikazzjoni tista tikkwalifika għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(2) dik il-parti biss li tkun stabbilita fil-Komunità. Tali parti trid tissodisfa wkoll id-disposizzjonijiet segwenti:

(a) għandha tissottometti l-applikazzjoni għal liċenza lill-korp kompetenti fl-Istat Membru li fih kien irreġistrat il-kuntratt ta' multiplikazzjoni;

[1] ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
[2] ĠU L 34, tad-9.2.1979, p. 2.
[3] ĠU L 25, tal-31.1.1975, p. 10.
[4] Ara paġna 12 ta' dan il-Ġurnal Uffiċċjali.
[5] ĠU L 301, tat-28.10.1978, p. 10.

(b) għandha twaħħal ma' l-applikazzjoni għal liċenza prova li l-kwantità li dwarha qed tapplika għal-liċenza hija koperta bil-kwantità prevedibbli intenzjonata għall-importazzjoni ndikata fir-reġistrazzjoni tal-kuntratt skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2514/78.

2. L-applikazzjoni u l-liċenza nfisha tkun tinkludi fis-Sezzjoni 12 waħda mill-approvazzjonijiet segwenti:

— Import under a multiplication contract,

— Indførsel foretaget inden for rammerne af en formeringskontrakt,

— Im Rahmen eines Vertrages über vermehrtes Saatgut getätigte Einfuhr,

— Importation réalisée dans le cadre d'un contrat de multiplication,

— Importazione effettuata nell'ambito di un contratto di moltiplicazione,

— Invoer in het kader van een vermeerderingscontract.

3. Il-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa permezz ta' dan l-Artikolu ma jkunux trasferibbli skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 193/75.

4. L-Istati Membri jiddeċiedu dwar il-mod li bih tkun ipprovduta l-prova li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 (b).

Artikolu 7

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1979.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Ġunju 1979.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President